

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

30.1.2008

0008/2008

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura  
minn Edite Estrela, Dorette Corbey and Adamos Adamou  
dwar il-mard reumatiku

Data ta' skadenza: 8.5.2008

0008/2008

## Dikjarazzjoni bil-miktub dwar rheumatic diseases

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. peress li l-mard rewmatiku huwa lment kroniku li joħloq uġiġħ, tbatija u disabilità,
  - B. billi 30% sa 40% tan-nies isofru minn sintomi ta' l-iskelettru u l-muskoli, u billi tali sintomi jaffettwaw aktar minn 100 miljun persuna fl-Ewropa,
  - C. billi l-mard rewmatiku huwa l-kawża prinċipali tad-disabilità u ta' l-irtirar qabel iż-żmien fost il-ħaddiema,
  - D. billi huwa smat li persuni ta' l fuq minn 65 sena se jakkontaw għal kwart tal-popolazzjoni Ewropea sas-sena 2030, u billi l-maġġoranza tal-persuni fuq is-70 sena għandhom sintomi rewmatiċi kroniċi jew rikorrenti,
  - E. billi l-adozzjoni ta' politiki soċjali u tas-saħħa bbażati fuq analiżi tal-bżonnijiet ta' dawk li jsofru minn mard rewmatiku għandhom inaqqsu l-ispejjeż ekonomiċi u soċjali assoċjati ma' dan il-mard (1 sa 5% tal-Prodott Gross Domestiku fpajjizi żviluppati),
1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex:
    - jagħtu aktar importanza lill-mard rewmatiku fl-istrateġija Komunitarja ġdida dwar is-saħħa, peress li jgħibu magħhom spejjeż soċjali u ekonomiċi għolja;
    - jinkoraġġixxu lill-Istati Membri sabiex jistabilixxu u jippromwovu l-implimentazzjoni ta' pjanijiet nazzjonali għall-ġlieda kontra l-mard rewmatiku;
    - jżviluppaw strateġija Komunitarja dwar il-mard rewmatiku u jħejju rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar d-djanjożi minn kmieni u t-trattament tal-mard rewmatiku;
    - jżviluppaw strateġija biex itejbu l-aċċess għal informazzjoni u trattament mediku;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Parlamenti ta' l-Istati Membri.